**10. Il-Ministru tal-Edukazzjoni, l-Onor. Philip Muscat, jipproponi:**

Illi l-Kamra tirrisolvi għall-finijiet tal-artikolu 32 (1) (c) tal-Att tal-1974 dwar l-Edukazzjoni (Att Nru XXXIV tal-1974) illi Membri tal-Kamra tad-Deputati msemmija hawn taħt jiġu maħtura Membri tal-Kunsill tal-Università ta' Malta:

L-Onorevoli

Benny Camilleri, M.P.

Joe Fenech, M.P.

Louis Galea, M.P.

Daniel Micallef, M.P.

Joseph Saliba, M.P.

Karmenu Vella, M.P.

29.11.1976

**Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, ressaq din l-emenda "A":**

Emenda għall-Mozzjoni Nru . 10

Żid dan li ġej fl-aħħar tal-mozzjoni:

L-Onor. Membri hekk maħtura għandhom, kull sena, jippreżentaw lill-President tal-Kamra tad-Deputati rapport dwar il-ħidma tagħhom għall-istess perijodu.

Kopja tal-istess rapport għandha titqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u tiġi ċirkolata lill-Onor. Membri tal-Kamra tad-Deputati.

6.12.1976